

Brussell, 15 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12654/23

INST 319
POLGEN 120
AG 96

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 12540/23
Suġġett:	Programmazzjoni leġiżlattiva - Skambju ta' fehmiet

1. Fl-2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jsaħħu l-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-Unjoni permezz tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹ (il-paragrafi 4 sa 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet). Fl-2016 ukoll, il-Kunsill approva l-arranġamenti prattiċi tiegħu dwar il-programmazzjoni annwali².
2. F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (il-paragrafu 6), il-Kummissjoni għandha tidħol fi djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, kemm qabel kif ukoll wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma annwali tagħha; b'mod aktar speċifiku, wara d-dibattitu dwar l-Istat tal-Unjoni, u qabel l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser ikollhom skambju ta' fehmiet mal-Kummissjoni abbażi tal-*Ittra ta' intenzjoni*.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

² 6879/16

3. Il-Kummissjoni ħarġet l-*Ittra ta' intenzjoni*³ tagħha fit-13 ta' Settembru 2023. L-ittra tippreżenta l-elementi ewlenin li jiggwidaw it-tnejn tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024.
 4. Fid-19 ta' Settembru 2023, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) ser jisma' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-*Ittra ta' intenzjoni* tagħha u ser ikollu skambju ta' fehmiet dwar il-programmazzjoni leġislattiva.
 5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħejja dan l-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Settembru 2023.
 6. Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' spjegazzjoni bil-mistoqsijiet tal-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet.
-

³ 12541/23

Programmazzjoni leġiżlattiva**- Skambju ta' fehmiet -****Introduzzjoni**

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Ligijiet⁴ tal-2016 tfassal biex isaħħaħ il-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-UE bil-ħsieb li jittejjeb it-tfassil tal-liġijiet u li l-azzjoni u l-inizjattivi tal-UE jiffukaw fuq il-prijoritajiet politiċi ewlenin li għandhom valur miżjud Ewropew. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea ħadmu flimkien f'ċikli ta' programmazzjoni annwali biex kull sena jiddeterminaw il-prijoritajiet politiċi u leġiżlattivi. Fl-2024, il-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE ser tkompli tkun iggwidata mid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi għall-2023 u l-2024⁵, iffirmata f'Diċembru 2022, li tistipula viżjoni Ewropea kondiviża għal Ewropa aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

Ir-rabta tal-effetti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima u l-isfidi ambjentali, il-pandemija tal-COVID-19, u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna tkompli titlob azzjoni deċiżiva tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. F'Ġunju 2023⁶, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu li jkompli jipprovdi appoġġ finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn. Huwa rrefera wkoll għall-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità strateġika tal-Ewropa biex tiegħu aktar responsabbiltà għad-difiża tagħha stess. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2023⁷, huwa nnota li l-UE kienet ser tiżgura l-kompetittività tagħha stess billi tadatta għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali filwaqt li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. Dawn l-impenji ser jeħtieġu sforzi kontinwi u azzjoni koerenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali.

⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

⁵ ĠU C 491, 23.12.2022, p. 1

⁶ EUCO 7/23

⁷ EUCO 4/23

Ċiklu ta' programmazzjoni annwali

Ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2023⁸ tal-Kummissjoni jipprovdi kontribut siewi għaċ-ċiklu tal-programmazzjoni leġiżlattiva. Wara li jesplora l-isfidi ewlenin li ser jiddeterminaw it-trasformazzjoni tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna lejn mudell li jirrispetta l-limiti planetarji, u jissalvagwardja l-kompetittività globali, il-pedamenti soċjali b'saħħithom, u r-reżiljenza, ir-rapport jidentifika għaxar oqsma għal azzjoni biex jintlaħqu l-oġettivi ta' Ewropa soċjalment u ekonomikament sostenibbli bi rwol aktar b'saħħtu fid-dinja fis-snin li ġejjin, u b'hekk titwettaq il-wegħda tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà.

L-*Ittra ta' intenzjoni*⁹ tal-Kummissjoni tippreżenta l-elementi ewlenin li jiggwidaw it-tnejn tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024 li jmiss. Hija tenfasizza l-importanza li tingħata prijorità lill-finalizzazzjoni tal-proposti leġiżlattivi diġà ppreżentati għall-bqija tal-leġiżlatura u, konsegwentement, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta biss għadd limitat ta' inizjattivi ġodda li jirriflettu l-impenji eżistenti jew li jwieġbu għall-isfidi emerġenti. L-*Ittra ta' intenzjoni* tidentifika 18-il prijorità ewlenija fi ħdan is-sitt prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu fehmiethom dwar il-prijoritajiet u l-inizjattivi ewlenin għas-sena d-dieħla b'rabta mal-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-Ministri jaqblu mal-inizjattivi previsti ppreżentati fl-*Ittra ta' intenzjoni*?
2. Liema inizjattivi huma l-aktar meħtieġa fil-fehma tagħkom?

Il-passi li jmiss

Il-Presidenza ser tagħti sinteżi tad-diskussjonijiet fil-Kunsill fittra lill-President tal-Kummissjoni. Din ser isservi bħala kontribut għall-bqija taċ-ċiklu ta' programmazzjoni leġiżlattiva annwali, li jilħaq il-qofol tiegħu fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024, li ser jiġi ppreżentat u diskuss f'laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-ħarifa tal-2023.

⁸ 11782/23

⁹ 12541/23